Eċċ. President ta' Malta,
Mistiedna Distinti,
Kowċis u diriġenti tal-futbol.

Insellmilkom !

**<u>L-konnessjoni bejn il-katekeżi u l-isport</u>**

Il-ħsieb tiegħi huwa li nagħmel introduzzjoni qasira, li nittama li b'xi mod iservi ta' ispirazzjoni għall-kumplament tas-seminar tallum u lil hinn minnu.

Ilkoll nafu li l-kurzita' tiġġenera interess, għalhekk sa nibda billi niċċara xi ideat li f'dawn l-aħħar ġranet ħolqu kurzita' kbira, bħal: x'inhi l-konnessjoni bejn il-katekezi u l-isport? L-ewwelnett, il-katekeżi u l-isport, huma distinti u fl-istess waqt tezisti konnessjoni profonda bejniethom, wieħed ma jeskludix lil ieħor u wisq inqas ma jissostitwixxu lil xulxin.

X'inhu l-isport nafu sewwa, imma x'inhi l-katekezi, għax hija term li jindika speċificita' sfortunatament bosta ma jafux x'inhu! Mhux l-iskop tas-seminar li noffri xi studju fuq il-katekezi, imma, b'rispett lejn l-istess katekeżi, sa nipprova niddeskrivi x'inhi. Fi ftit kliem, il-katekezi hija dak il-proċess li permezz tiegħu persuna ssir familjari ma' Ġesu' Kristu u l-aħbar t-tajba tiegħu, fl-istess waqt hija proċess li titraduċċi ruħha fi mġieba fil-ħajja ta' kuljum. Il-għan tagħha, jiġifieri tal-katekeżi hija mixja lejn il-maturita' tal-persuna sħiħa kemm mill-aspett uman kif ukoll mill-aspett ta' fidi, ta' reliġjon. Għall dan il-għan kemm id-dokumenti li jirrigwardjaw il-katekeżi kif ukoll id-dokument tal-Konċilju Vatikan II- Gaudium et spes jgħidulna: sa nikkwothom : read the signs of the times and foster dialogue between the Church and the modern world…thus the person becomes capable of behaving in a responsible and active way before the gift of God.' Ispirati u sfidati minn dan il- kliem, hekk kif qed nistudjaw s-sitwazzjoni kateketika f'pajjiżna, meta nikkonsidraw

li fil-ħamsin *nursery* li għandna Malta għandha madwar 12,000 persuna bejn tfal u adolexxenti altru li hemm bzonn li nwessgħu l-orizżonti tal-katekezi u nkomplu niskopru d-dimensjonijiet tagħha, liema dimensjonijiet joffru sfida qawwija imma reali wkoll.

It-Tagħlim tad-duttrina/tal-katekiżmu u l-frekwenza fil-movimenti u ċentri ta' formazzjoni nisranija **huma meħtiega u għandhom jiġu inkorraġġiti**. Nkunu għaqlin bizzejjed u nistudjaw minn huma l-persuni li magħhom u permezz tagħhom it-tfal u l-adolexxenti tagħna qed jiskopru ħajjithom, lil hinn mill-istess familja tagħhom. Fost il-ħafna opportunitajiet nsibu li, l-isports joffri opportunita' unika, fejn dak li t-tfal jitgħallmu fuq il-bank tad-duttrina, jista' isir esperjenza ħajja u tanġibli fil-ħajja tagħhom. **Jekk ma jkunx hemm din l-armonija bejn dak li jitgħallmu fuq il-bank tad-duttrina u opportunitajiet f'diversi oqsma tal-ħajja, fosthom fl-isports fejn dan kollu jista' jsir esperjenza, sfortunatament t-tfal jgħaddu minn waqtiet ta' frammentazzjoni fil-bini tal-karattru tagħhom minħabba disonanza fil-messaġġi li jkunu qed jirċievu**. L-isports joffri opportunita' sabiex wieħed jitgħallem u jsaħħaħ il-valuri tiegħu, fl-istess waqt, itejjeb id-dimensjoni soċjali tal-bniedem.

Jekk inħarsu lejn l-adolexxenti, hawnhekk huwa l-qasam speċifiku tiegħi, naraw li l-adolexxenti huma għatxana, kontinwament jfittxu role models; huma jitgħallmu aktar bl-eżempju, permezz tax-xhieda milli b'mezzi oħra. Għall daqstant, l-adolexxenti, filwaqt li jammiraw lil players, il-kowċ għalihom huwa ikona ħajja, fih jaraw persuna li qed tgħinhom jiskopru lilhom infushom u l-potenzjal tagħhom, persuna li jagħtihom direzzjoni u forma ta' regoli stabbli ħerġin mill-esigenza tal-istess logħob u taħriġ fil-futbol. Il-kowċ fil-ħajja tal-adolexxenti jrid iżomm quddiem għajnejh li mhuwiex biss qed jgħallem it-teknika tal-futbol, imma qiegħed ikun strument ħaj fil-bini tal-karattru tagħhom. Għall-adolexxenti huwa neċessarju li f'ħajjithom ikun hemm nies maturi, nies li jixtequlhom il-gid, persuni li joffrulhom xhieda awtentika u direzzjoni tajba fil-ħajja.

Għalhekk, fil-waqt li nieħu din l-opportunita' li nirringrazzja b'mod partikulari lill-kowċis kollha tal-ħidma tagħhom; illum sa naraw flimkien il-valuri sbieh li dan l-isport għandu x' joffri, sa naraw kemm r-rwol tal-kowċ fin-nursery huwa validu sabiex it-tfal u l-adolexxenti jizviluppaw karattru sħiħ mibni fuq valuri umani u kristjani sodi.

Sa nagħalq bil-kliem tal-Papa Benedittu XVI meta bierek it-torċa fil-pjazza San Pietru, fil-2006, fi triqtha lejn Turin fejn saru Olimpjadi tax-xitwa. Sa nikkwotah bl-ingliż: ' *sport is one of the human activites which is also waiting to be enlightened by God through Christ, so that the values it expresses may be purified and elevated at both the individual and the collective levels.'*

Grazzi.

Sr.Alexandra Chircop, fcj,
Ko-ordinatrici Katekeżi Adolexxenti,
Segretarjat għall-Katekeżi